



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2015
COM(2015) 574 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Valutazzjoni tal-progress magħmul mill-Istati Membri biex jilħqu l-miri tal-effiċjenza
enerġetika nazzjonali għall-2020 u biex jimplimentaw id-Direttiva dwar l-Effiċjenza
Enerġetika 2012/27/UE kif rikjest mill-Artikolu 24 (3) tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza
Enerġetika 2012/27/UE**

{SWD(2015) 245 final}

Werrej

1. Introduzzjoni.....	3
2. Il-progress lejn il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2020.....	3
3. Miri nazzjonali	4
4. Xejriet tal-konsum tal-enerġija u tal-valutazzjoni ta' miżuri nazzjonali skont il-qasam.....	5
4.1. Industrija.....	6
4.2. Il-qasam residenzjali	7
4.3. Il-qasam tas-servizzi	8
4.4. Is-settur pubbliku	8
4.5. Il-qasam tat-trasport	9
4.6. Il-qasam tal-ġenerazzjoni	10
4.7. Il-qagħda tat-traspożizzjoni tal-EED	12
4.8. Finanzjament	12
4.9. L-iffrankar tal-enerġija finali fl-2016 rikjest mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Enerġija 2006/32/KE.....	14
5. KONKLUŻJONI	14
Anness I	17
Anness II	17

1. INTRODUZZJONI

L-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Energija¹ sejħet għal rikonsiderazzjoni fundamentali dwar l-effiċjenza enerġetika, biex din titqies bħala sors tal-enerġija fiha nfisha li tirrappreżenta l-valur tal-enerġija frankata. L-iffukar fuq l-effiċjenza enerġetika bħala mod kif tkun moderata d-domanda għall-enerġija jagħti r-riżultati fir-rigward tal-għanijiet tas-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività u s-sostenibbiltà, u jsarraf fi frankar fil-kosti għall-konsumaturi u għall-industrija.

L-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija kkonfermat il-mira għall-effiċjenza enerġetika ta' 20 % sal-2020, li jfisser inqas minn 1086 Mtoe ta' konsum finali tal-enerġija jew inqas minn 1483 Mtoe fil-konsum tal-enerġija primarja. Din hija l-bażi biex nimxu lejn tnaqqis ta' minn tal-inqas 27 % sal-2030 li għandu jkun rivedut sal-2020, bil-ħsieb ta' ċifra ta' 30 %.

Fl-2014, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Effiċjenza Enerġetika (COM(2014) 520 final), li l-UE mistennija tikseb iffrankar enerġetiku ta' madwar 18-19 % fl-2020. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri għamli sforzi mtejba biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u stabbilew miri dwar l-effiċjenza enerġetika aktar ambizzjużi (li issa jammontaw għal 17,6 % ta' frankar ta' enerġija primarja fl-2020, filwaqt li s-sena l-oħra l-miri kienu jammontaw għal 16,4 % biss). Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għadha ottimista li l-mira ta' 20 % se tinkiseb, sakemm il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE tkun implimentata b'mod sħiħ, l-Istati Membri jżidu l-livell ta' ambizzjoni tagħhom u l-kundizzjonijiet tal-investiment għall-effiċjenza enerġetika jibqgħu jitjiebu fl-Ewropa kollha.

Dan ir-rapport jagħti valutazzjoni tal-progress li sar biex tinkiseb din il-mira, u fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika 2012/27/UE. Ir-rapport jinkludi wkoll xi rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri² u huwa bbażat fuq ir-Rapporti Annwali tal-Istati Membri u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza Enerġetika. Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni³ li fih deskrizzjoni dettaljata tal-indikaturi tal-prestazzjoni użati.

2. IL-PROGRESS LEJN IL-MIRA TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA TAL-UE GĦALL-2020

Kien hemm progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fil-livell tal-UE. B'mod ġenerali, il-konsum finali tal-enerġija naqas b'7 % bejn l-2005 u l-2013. Il-konsum primarju tal-enerġija naqas bi 8 % fl-istess perjodu u stimi preliminari juru kontinwazzjoni ta' din ix-xejra ta' tnaqqis għal 1516 Mtoe fl-2014⁴.

Il-konsum finali tal-enerġija⁵ fl-UE-28 naqas minn 1186 Mtoe fl-2005 għal 1102 Mtoe fl-2012, iżda żdied għal 1105 Mtoe fl-2013. Iż-żieda fl-2013 kienet prinċipalment riżultat ta'

¹ COM(2015) 80 final.

² Kif rikjest mill-Artikolu 24(3) tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika 2012/27/UE.

³ SWD(2015) 245 final.

⁴ Ara, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2015): Trends and projections in Europe 2015 (<http://www.eea.europa.eu>).

⁵ Il-konsum finali tal-enerġija huwa l-enerġija provduta lill-industrija, lit-trasport, lill-unitajiet domestiċi, lis-servizzi u lill-agrikoltura, bl-esklużjoni tal-għoti lill-qasam tat-trasformazzjoni tal-enerġija u lill-industriji tal-enerġija stess.

żidiet fil-Belġju, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fi Franza, fl-Ungerija, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fis-Slovakkja u fir-Renju Unit⁶.

- ✓ Il-konsum tal-enerġija tal-**industrija** naqas f'termini assoluti minn 327 Mtoe fl-2005 għal 275 Mtoe fl-2012 (16 %). B'mod ġenerali, il-kriżi ekonomika, l-effetti tar-ristrutturar tal-ekonomiji Ewropej u l-miżuri ta' effiċjenza enerġetika ikkontribwew b'mod konsiderevoli lejn din ix-xejra ta' tnaqqis. Madankollu, il-konsum tal-enerġija mill-industrija żdied għal 277 Mtoe fl-2013. Dan kien dovut għal żieda f'għadd ta' suboqsma industrijali, li l-ikbar waħda fosthom kienet żieda ta' 6 % fil-qasam tal-minjieri u l-barrieri.
- ✓ Fil-qasam **residenzjali**, il-konsum finali tal-enerġija naqas bi 3 % fl-2013 meta mqabbel mal-livell tal-2005.
- ✓ Fil-qasam tas-**servizzi**, il-konsum finali tal-enerġija żdied b'6 % mill-2005 sal-2013, iżda l-valur miżjud maħluq f'dan il-qasam żdied bi 11 % tul l-istess żmien, li wassal għal titjib tal-intensità tal-enerġija provduta.
- ✓ Il-konsum finali tal-enerġija fit-**trasport** naqas b'6 % tul dan il-perjodu. Fl-2013, it-trasport kien responsabbli għall-akbar porzjon ta' konsum finali tal-enerġija (32 %). Dan kien segwit mill-qasam residenzjali b'27 %, mill-industrija b'25 % u mill-qasam tas-servizzi b'14 %. Oqsma oħra kienu responsabbli għat-2 % li jifdal.

Il-konsum enerġetiku primarju⁷ fl-UE-28 naqas minn 1709 Mtoe fl-2005 għal 1567 Mtoe fl-2013. Stimi preliminari juru li l-konsum tal-enerġija primarju baqa' jonqos fl-2014 għal 1516 Mtoe⁸. Madankollu, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja wrew żieda fil-konsum tal-enerġija primarja fl-2013 meta mqabbel mal-2012.

- ✓ B'mod ġenerali, it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja fl-UE-28 mill-2005 sal-2013 kien primarjament riżultat ta' tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija u kien influwenzat ukoll mill-bidla strutturali fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija lejn aktar elettriku rinnovabbli. Il-konsum tal-enerġija tal-qasam tal-enerġija naqas bi 13 % u t-telf mid-distribuzzjoni naqas bi 8 % f'dan il-perjodu.
- ✓ Is-sħana prodotta minn impjanti CHP fl-UE-28 naqset b'9 % minn 46 Mtoe fl-2005 għal 42 Mtoe fl-2013.

3. MIRI NAZZJONALI

Fl-2013, l-Istati Membri identifikaw miri indikattivi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika⁹. Minn dak iż-żmien, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, is-Slovakkja u Spanja stabbilew miri aktar ambizzjużi fil-Pjanijiet tagħhom ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika għall-konsum **finali** tal-enerġija tal-2014, u ffukaw fuq tnaqqis akbar tad-domanda fl-oqsma residenzjali, tas-servizzi, industrijali u tat-trasport. Malta u l-Polonja biss innotifikaw miri tal-konsum finali tal-enerġija anqas ambizzjużi lill-Kummissjoni. L-għan tal-effiċjenza enerġetika huwa li l-konsum tal-enerġija u t-tkabbir ekonomiku jiġu diżakkoppjati, b'riżultat ta' titjib fl-effiċjenza. F'dan il-kuntest, il-livell tal-

⁶ L-Anness XIV tal-EED jistipula li l-Istati Membri għandhom jispjegaw ir-raġunijiet għal żieda fil-konsum tal-enerġija skont il-qasam fir-Rapporti Annwali tagħhom, eż. it-tkabbir ekonomiku u t-temp. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha taw l-informazzjoni dwar dan.

⁷ Flimkien mal-konsum finali tal-enerġija, il-konsum tal-enerġija primarja jinkludi wkoll telf mill-ġenerazzjoni u t-trasformazzjoni, il-konsum tal-qasam tat-trasformazzjoni tal-enerġija u t-telf min-netwerk.

⁸ Ara, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2015): Trends and projections in Europe 2015 (<http://www.eea.europa.eu>).

⁹ Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika 2012/27/UE (EED).

miri indikattivi stabbiliti mill-Kroazja, minn Ċipru, mill-Finlandja, mill-Greċja, mill-Italja, mill-Portugall u mir-Rumanija mhumiex ambizzjużi biżżejjed hekk kif il-konsum finali tal-enerġija huwa previst li jkun oġhla mill-iżvilupp tal-PDG imbassar għall-2014 sal-2020¹⁰.

Fir-rigward tal-konsum tal-enerġija **primarja**, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, Malta, Spanja u l-Iżvezja stabbilew miri indikattivi aktar ambizzjużi fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika tagħhom tal-2014 meta mqabbel mal-miri inizjali tagħhom. B'mod partikolari l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, Malta, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit stabbilew miri ambizzjużi għalihom infushom fid-dawl tat-tkabbir tal-PDG mistenni fl-2014-2020. Il-Bulgarija, il-Kroazja u s-Slovakkja naqqsu l-livell tagħhom ta' ambizzjoni. Għall-Kroazja, għall-Finlandja, għall-Greċja u għar-Rumanija, il-miri tal-konsum tal-enerġija primarja indikattivi għall-2020 jippermettu żieda fil-konsum tal-enerġija primarja, b'rata li hija oġhla mit-tkabbir tal-PDG medju mistenni tagħhom fl-2014-2020¹¹.

B'mod kollettiv, l-Istati Membri naqsu milli jistabbilixxu miri nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika ambizzjużi biżżejjed biex jilhq u l-mira tal-livell tal-UE ta' 20 %. L-għadd ta' miri indikattivi nazzjonali jikkorrispondi għal 17,6 % ta' frankar tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-previżjonijiet għall-2020. Filwaqt li dan jirrappreżenta titjib milqugħ meta mqabbel mal-ewwel sett ta' miri notifikati, xorta waħda ma jilħaqx il-mira tal-UE li tiffranka 20 % tal-enerġija primarja meta mqabbel mal-previżjonijiet għall-2020. Madankollu, id-dejta dwar il-progress reċenti tissuġġerixxi li tista' tiġi fformulata konklużjoni aktar ottimista.

4. XEJRIET TAL-KONSUM TAL-ENERĠIJA U TAL-VALUTAZZJONI TA' MIŻURI NAZZJONALI SKONT IL-QASAM

Sabiex tivvaluta l-progress tal-Istati Membri lejn il-miri tal-effiċjenza enerġetika indikattivi tagħhom, il-Kummissjoni analizzat il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika (NEEAPs) tagħhom, ir-Rapporti Annwali u s-sett ta' indikaturi deskritti f'aktar dettall fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan id-dokument¹². L-analiżi turi li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri naqqsu l-konsum primarju u finali tal-enerġija tagħhom bejn l-2005 u l-2013 b'rata li kienet oġhla mir-rata ta' tnaqqis li jkun meħtieġ fil-perjodu ta' bejn l-2005 u l-2020 biex jilhq u l-miri ta' konsum primarju u finali tal-enerġija tagħhom sal-2020. L-eċċezzjonijiet huma: Il-Belġju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja (għall-konsum tal-enerġija primarja) u l-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja, Malta u s-Slovakkja (għall-konsum finali tal-enerġija)¹³.

¹⁰ L-analiżi dettaljata tinsab fid-dokument SWD(2015) 245 final.

¹¹ L-analiżi dettaljata tinsab fid-dokument SWD(2015) 245 final.

¹² SWD(2015) 245 final.

¹³ Peress li d-dejta tal-2013 biss hija disponibbli, dan it-tqabbil ma jistax iqis l-impatt ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika implimentati reċentament fuq l-ilħiq tal-obbligi l-ġodda skont l-EED, u lanqas l-impatt ta' xi wħud mill-miżuri li ġew adottati reċentament skont l-Ekedisinn, it-tikkettar enerġetiku u d-Direttiva dwar il-Prestazzjoni Enerġetika tal-Bini (2010/31/UE). Barra minn hekk, dan it-tqabbil ma jagħmilhiex possibbli li ssir valutazzjoni konklużiva dwar jekk l-Istati Membri humiex fit-triq it-tajba biex jilhq u l-miri indikattivi tagħhom tal-effiċjenza enerġetika għall-2020. Dan minħabba li l-effetti futuri (pożittivi jew negattivi) ta' bidliet fl-ekonomija (eż. żieda/tnaqqis fl-attività ekonomika jew bidla minn industriji li jużaw ħafna enerġija lejn il-qasam tas-servizzi), bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija, is-sostituzzjoni tal-fjuwil jew varjazzjonijiet klimatiki ma jistgħux jiġu previsti sal-2020. Ara: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2014): Trends and projections in Europe 2014 (<http://www.eea.europa.eu/publications/trends-and-projections-in-europe-2014>) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (2015) 245 final.

L-intensità tal-enerġija primarja¹⁴ għall-ekonomija kollha naqset fl-Istati Membri kollha bħala medja bejn l-2005 u l-2013, għajr għall-Estonja.

4.1. Industrija

Il-konsum finali tal-enerġija tal-industrija naqas f'termini assoluti minn 327 Mtoe fl-2005 għal 277 Mtoe fl-2013 (-15 %). Ir-raġuni wara t-tnaqqis li seħħ bejn l-2008 u l-2012 huwa t-tnaqqis fl-attività industrijali u l-bidliet fl-istruttura tal-industrija. Madanakollu, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika huwa l-aktar li kkontribwixxa lejn din ix-xejra pożittiva b'impatt li huwa kważi tliet darbiet akbar¹⁵.

Peress li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huwa mistenni tkabbir ekonomiku fis-snin li ġejjin, se jkunu meħtieġa aktar sforzi biex ikun żgurat id-diżakkoppjament bejn il-konsum enerġetiku u t-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, prezzijiet taż-żejt u tal-gass aktar baxxi jistgħu jnaqqsu l-inċentiv għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'dan il-qasam hekk kif il-perjodu ta' rkupru jittwal.

Hemm differenza sinifikanti bejn l-intensità enerġetika tal-industrija fi Stati Membri differenti, b'differenza ta' seba' darbiet bejn l-aktar Stat Membru li juża enerġija, jiġifieri l-Bulgarija, u dawk li jużaw l-inqas enerġija: id-Danimarka u l-Irlanda. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri naqqsu l-intensità enerġetika fl-oqsma tal-industrija u l-kostruzzjoni bejn l-2005 u l-2013, bl-eċċezzjoni tal-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda u l-Latvja.

Is-sistema Ewropea għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet kienet xprun ewlieni għall-investimenti fl-oqsma tal-industrija li jużaw ħafna enerġija. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika tal-industrija permezz ta' inċentivi finanzjarji u miżuri fiskali. Il-ftehimiet volontarji huma strument ta' politika ieħor komuni għall-qasam tal-industrija. Disa' Stati Membri stabbilew ftehimiet bħal dawn ma' atturi industrijali: il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit. L-iffrankar tal-enerġija fil-qasam industrijali jinkiseb ukoll bl-għajnunha ta' strumenti bbażati fuq is-suq, eż. fl-Italja permezz tal-iskema taċ-ċertifikat l-abjad u fid-Danimarka permezz ta' skema tal-obbligu tal-iffrankar enerġetiku.

L-implimentazzjoni tal-Artikolu 8(4) tal-EED, li jirrikjedi li kumpaniji kbar iwettqu awditjar tal-enerġija mill-2015 'il quddiem, jista' jgħin lill-qasam industrijali biex jidentifika miżuri tal-effiċjenza enerġetika kosteffiċjenti. Madanakollu, madwar nofs l-Istati Membri għadhom ma nnotifikawx lill-Kummissjoni bil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dan ir-rekwiżit tal-EED; għaldaqstant il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra dawn il-pajjiżi.

L-Istati Membri għandhom jindirizzaw ukoll il-politiki tagħhom lejn kumpaniji ta' daqs żgħir u medju sabiex jitneħħew l-ostakli għas-suq u jippermettulhom li jisfruttaw kwalunkwe potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija li jkun fadal.

¹⁴ L-intensità enerġetika hija definita bħala l-konsum tal-enerġija primarja diviż bil-PDG. Analiżi tal-elementi ewlenin li jixprunaw it-titjib fl-intensità enerġetika hija ppreżentata f'"Member States' Energy Dependence: An Indicator-Based Assessment", ECFIN Occasional Papers 196, June 2014.

¹⁵ PwC/Fraunhofer ISI/TU Wien (2014): Studju li jevalwa l-qafas tal-politika tal-effiċjenza enerġetika attwali fl-UE u li jagħti orjentazzjoni dwar l-għażliet ta' politika biex ikun realizzat il-potenzjal ta' frankar / effiċjenza enerġetika kost-effettivi sal-2020 u lil hinn, Illustrazzjoni 18 (https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/2014_report_2020-2030_eu_policy_framework.pdf).

4.2. Il-qasam residenzjali

Il-konsum finali tal-enerġija tal-qasam residenzjali naqas f'termini assoluti minn 306 Mtoe fl-2005 għal 296 Mtoe fl-2013 (-3 %), għalkemm żdied ftit mill-2012 għall-2013. It-tnaqqis globali kien prinċipalment dovut għal miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, b'mod speċjali fir-rigward tal-konsum tal-enerġija għat-tisħin tal-post¹⁶.

Il-konsum tal-enerġija għal kull metru kwadru naqas fl-Istati Membri kollha bejn l-2005 u l-2013 għajr għall-Italja, fejn dan żdied b'10 %, u fl-Estonja, fejn baqa' l-istess¹⁷. Il-konsum tal-enerġija aktar baxx għal kull metru kwadru jista' jiġi spjegat b'aktar rekwiżiti stretti ta' effiċjenza enerġetika għall-bini, għat-tagħmir u għat-teknoloġiji tat-tisħin, parzjalment minħabba l-implimentazzjoni progressiva tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni Enerġetika tal-Bini.

L-Istati Membri reċentement ħejjew l-ewwel Strateġija ta' rinnovazzjoni fuq terminu twil għall-istokk kollu tal-bini tagħhom, kif rikjest mill-Artikolu 4 tal-EED¹⁸. Għalkemm xi strateġiji kienu nieqsa minn ċerta informazzjoni, pereżempju dwar bini mhux residenzjali, il-kosti tal-investiment u s-sorsi tal-finanzjament, il-kwalità tal-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fuq terminu twil mistennija li titjeb fl-aġġornament li jmiss li huwa mistenni għall-2017.

Biex tittejjeb il-kwalità tar-rinnovazzjoni, l-installaturi u n-nies tas-sengħa jridu jkunu mħarrġa u l-ħiliet tagħhom f'teknoloġiji ġodda u aktar effiċjenti li jistgħu jieħdu post tagħmir u proċessi eżistenti fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni jeħtieġ li jiżdiedu. L-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' taħriġ u ta' kwalifiki nazzjonali żviluppanti bħala parti mill-proġett "BUILD UP Skills" tal-UE kienet diġà bdiet f'21 Stat Membru fl-2013 u fl-2014¹⁹. Barra minn hekk, miżuri oħra ta' taħriġ nazzjonali ġew deskritti fin-NEEAPs iżda huma meħtieġa sforzi oħra mmirati f'dan il-kamp.

L-effiċjenza enerġetika fil-qasam residenzjali tibbenefika minn medda wiesgħa ta' azzjonijiet ta' politika, bħal miżuri regolatorji u finanzjarji/fiskali, kif ukoll miżuri għat-tkattir tal-informazzjoni u tas-sensibbiltà, ftehimiet volontarji, investiment fl-infrastruttura (l-użu tal-arloġġi smart), strumenti bbażati fuq is-suq, u miżuri oħra. Il-miżuri regolatorji huma relatati l-aktar mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni Enerġetika tal-Bini, inklużi rekwiżiti minimi dwar il-prestazzjoni enerġetika u ċertifikati għal bini ġdid u eżistenti u spezzjonijiet tal-bojlers tal-ilma u tas-sistemi tal-arja kkundizzjonata, u d-Direttiva dwar l-Ekodisinn, inklużi standards dwar l-effiċjenza enerġetika għall-apparat elettrodomestiku u għat-tagħmir.

Miżuri finanzjarji u fiskali li jappoġġaw it-titjib fl-effiċjenza enerġetika jinkludu l-ġotjiet u s-sussidji. Għadd żgħir ta' Stati Membri (Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, in-Netherlands u l-Portugall) joffru programmi ta' self. Id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, in-Netherlands u l-Portugall irrappurtaw ħelsien mit-taxxa fuq titjib fl-effiċjenza enerġetika għall-unitajiet domestiċi. Sitt Stati Membri (l-Awstrija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja) daħħlu fis-seħħ taxxi fuq l-enerġija li għandhom l-għan li jibdlu l-imġiba u l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. L-arloġġi smart

¹⁶ Ara Odyssee-Mure <http://www.odyssee-mure.eu/publications/efficiency-by-sector/household/household-eu.pdf>.

¹⁷ Ara l-bażi tad-dejta Odyssee-Mure: <http://www.indicators.odyssee-mure.eu/online-indicators.html>. Iż-żieda fl-Italja hija dovuta għal reviżjoni tal-konsum tal-bijomassa fi snin riċenti, skont l-Odyssee-Mure (2015): Energy Efficiency Trends and Policies in Buildings.

¹⁸ L-istrateġiji tar-rinnovazzjoni fuq terminu twil tal-Istati Membri huma ppubblikati hawn <http://ec.europa.eu/energy/en/topics/energy-efficiency-directive/buildings-under-eed>.

¹⁹ Ara www.buildupskills.eu.

qed jibdedw jintużaw mill-konsumaturi residenzjali fl-Awstrija, f'Ċipru, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Greċja, fl-Irlanda, fil-Latvja, f'Malta u fir-Renju Unit.

L-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika jiffukaw l-aktar fuq il-qasam residenzjali biex jintlaħaq l-iffrankar ta' 1,5 % tal-aħħar użu tal-enerġija rikjest mill-Artikolu 7 tal-EED. B'kolloxx, 16-il pajjiż adottaw jew qed jipplanaw li jadottaw skema ta' obbligu ta' effiċjenza enerġetika. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għażlu li japplikaw l-eżenzjonijiet permessi biex jiksbu t-tnaqqis massimu permess ta' 25 % (għajr għad-Danimarka, il-Portugall u l-Iżvezja)²⁰. Dan inaqqas l-ammont ta' frankar tal-enerġija li se jinkiseb sal-2020. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-implimentazzjoni dgħajfa ta' dan l-Artikolu f'ċerti pajjiżi hekk kif ħafna Stati Membri jiddependu fuq miżuri antiki, li l-implimentazzjoni tal-miżuri nnotifikati hija ttardjata, u li l-iffrankar mistenni huwa sopravvalutat jew l-effetti li jikkoinċidu ta' politiki differenti ma jitqisux sew. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni ulterjuri ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri jeħtieġ li jinfurmaw aħjar lill-konsumaturi dwar l-għażliet tal-effiċjenza enerġetika u li jtejbu aktar il-kundizzjonijiet tal-investment għall-konsumaturi privati biex jgħaġġlu r-rati ta' rinnovazzjoni li bħalissa huma baxxi ħafna għall-istokk eżistenti tal-bini fl-Ewropa. Huma meħtieġa miżuri mmirati f'dan il-qasam hekk kif l-unitajiet domestiċi għandhom kapaċità ta' rispons aktar baxxa minn, eż. l-industrija li tuża ħafna enerġija, għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar miżuri iffukati għall-konsumaturi vulnerabbli biex ikun indirizzat b'mod effettiv il-faqar enerġetiku u biex jittejbu l-istandards tal-għajxien, pereżempju jkun tajjeb jekk ikun hemm miżuri bħal self mingħajr imgħax u li tiġi indirizzata d-dilemma inkwilin/sid il-keru.

4.3. Il-qasam tas-servizzi

Il-konsum finali tal-enerġija tal-qasam tas-servizzi żdied f'termini assoluti minn 144 Mtoe fl-2005 għal 153 Mtoe fl-2013 (6 %). Madankollu, il-konsum tal-enerġija kiber bil-mod aktar mill-valur miżjud fl-istess perjodu (11 %). B'mod ġenerali, l-intensità enerġetika tal-qasam tas-servizzi tal-UE (normalizzata bl-għadd ta' jiem ta' tisħin) naqset b'4 % bejn l-2005 u l-2013, partikolarment fl-Awstrija (20 %), fl-Ungerija (26 %), fl-Irlanda (37 %) u fil-Portugall (21 %), u din hija xejra pożittiva ħafna. Madanakollu, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja żiedu l-intensità enerġetika tagħhom fl-2013 meta mqabbel mal-livelli tal-2005.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri regolatorji applikati fil-qasam residenzjali japplikaw ukoll fil-qasam tas-servizzi.

Peress li s-settur tas-servizzi huwa mistenni li jikber, l-Istati Membri se jkun jeħtiġilhom li jindirizzaw l-isfidi tiegħu aktar b'miżuri xierqa biex tissokta x-xejra pożittiva tal-intensità enerġetika li qed tonqos fl-UE kollha għal dan il-qasam.

4.4. Is-settur pubbliku

L-Artikolu 5(1) tal-EED jirrikjedi li l-Istati Membri jirrinovaw 3 % tal-erja totali tas-superfiċe ta' bini msaħħan u mkessaħ li l-gvern ċentrali jkollu sjieda tiegħu u li jkun jokkupah hu, jew li jinkiseb frankar ekwivalenti kull sena. 18-il Stat Membru se jimplementaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 permezz ta' miżuri alternattivi (bħal miżuri li joħolqu l-inċentivi għall-okkupanti biex jibdlu imġibithom); il-kumpliment għażlu l-approċċ standard li jirrinovaw

²⁰ L-EED tippermetti ċerti eżenzjonijiet biex jitnaqqas l-ammont rikjest ta' 1,5 % ta' frankar tal-enerġija ta' użu finali, biex tkun eskluża l-enerġija użata f'attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE mill-kalkolu tal-linja bażi, biex jitqies l-iffrankar minn azzjonijiet bikrin jew frankar fil-qasam tat-trasformazzjoni, tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 7(2) tal-EED.

3 % mill-erja totali tas-superfiċe. L-Istati Membri huma obbligati li jirrappurtaw, fir-Rapporti Annwali tagħhom, l-erja totali tas-superfiċe tal-bini ta' binjiet li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1) tal-EED u l-erja tal-art rinnovata jew l-ammont ta' frankar tal-enerġija miksub skont l-Artikolu 5(1) u 5(6) tal-EED fis-sena preċedenti. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taw xi informazzjoni dwar dan fir-Rapporti Annwali tagħhom tal-2015; Il-Greċja, Franza, l-Ungerija, in-Netherlands u s-Slovenja ma taw l-ebda informazzjoni dwar dan²¹. Id-dejta dwar l-erja totali tal-art tal-bini ta' binjiet li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 5 fil-biċċa l-kbira ngħatat, iżda d-dejta dwar l-iffrankar permezz tar-rinnovazzjonijiet (jew miżuri alternattivi) ta' binjiet li għandu s-sjeda tagħhom il-gvern ċentrali, u li huma obbligatorji mill-1 ta' Jannar 2014, kienu neqsin jew ma kinux ċari fil-biċċa l-kbira tar-Rapporti Annwali. Għaldaqstant, għadu mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat jekk l-Istati Membri ssodisfawx l-obbligi tagħhom fl-2014 f'konformità mal-Artikolu 5 tal-EED, iżda l-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni xierqa.

Skont l-Artikolu 6 tal-EED, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-gvernijiet ċentrali jixtru biss prodotti, servizzi u binjiet li jkolljom livell għoli ta' effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri kollha ppreżentaw il-miżuri meħtieġa biex ikun żgurat li dan iseħħ, iżda miżuri li jinkoraġġixxu korpi pubbliċi oħra biex jagħmlu l-istess kienu neqsin min-NEEAPs għall-Belġju, għall-Italja u għal Spanja. Il-Kummissjoni nediet studju biex tiġi vvalutata l-effettività ta' din id-dispożizzjoni. Ir-riżultati interim juru li r-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fl-akkwist pubbliku mhumiex mifhuma għalkollox mill-aġenti kollha tal-akkwist u li t-traspożizzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-EED għadu ma ġiex iffinalizzat f'xi pajjiżi. Skont l-Istati Membri, ostakli oħra jinkludu: in-nuqqas ta' ħiliet u ta' għarfien prattiku tal-awtoritajiet dwar l-akkwist pubbliku li jkun enerġetikament effiċjenti; in-nuqqas ta' gwida ċara u n-nuqqas ta' għodod prattiċi; il-kriterji mhux ċari għall-valutazzjonijiet tal-akkwist pubbliku. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tikkunsidra mezzi biex tassisti aħjar lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

4.5. Il-qasam tat-trasport

Il-konsum finali tal-enerġija fit-trasport²² tal-UE-28 naqas minn 370 Mtoe fl-2005 għal 349 Mtoe fl-2013 (-6 %). Dan jirrifletti żieda ta' 4 % tul l-2005-2007 iżda wkoll tnaqqis mgħaġġel minn dak iż-żmien 'l hawn (-9 % għall-2007-2013).

Madwar 40 % tat-tnaqqis ta' bejn l-2007 u l-2013 huwa stmat li huwa riżultat tal-kriżi ekonomika, bi stabbilizzazzjoni tat-traffiku tal-passiġġieri u tnaqqis fit-traffiku tal-merkanzija. Is-60 % li jifdal joriġina l-aktar minn titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-karozzi tal-passiġġieri, xprunat minn standards tad-CO₂ aktar stretti u politiki mmirati tat-trasport fl-Istati Membri (li ġew notifikati wkoll, f'ċerti każijiet, bħala miżuri ta' trasport skont l-Artikolu 7 tal-EED biex jitnaqqas il-konsum finali tal-enerġija)²³.

L-akbar tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija fil-qasam tat-trasport kien reġistrat fil-Greċja, fl-Irlanda u fi Spanja fil-perjodu 2005-2013. Il-konsum żdied bi ftit fil-Kroazja, fil-Finlandja

²¹ Ara <http://ec.europa.eu/energy/en/topics/energy-efficiency/energy-efficiency-directive/national-energy-efficiency-action-plans>.

²² Għajr għat-trasport bil-pipeline.

²³ Odyssee-Mure (2015): Trends and policies for energy savings and emissions in transport (disponibbli fuq: <http://www.odyssee-mure.eu/publications/br/energy-efficiency-in-transport.html>).

u fil-Ġermanja u kienet reġistrata żieda konsiderevoli fil-Litwanja, f'Malta, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fis-Slovenja²⁴.

Fl-2013, is-sehem tat-trasport kollettiv tal-passiġġieri żdied f'nofs l-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Renju Unit, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja. Fil-kumpliment tal-Istati Membri, is-sehem tal-karozzi tal-passiġġieri żdied²⁵. Fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija, l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja u r-Renju Unit żiedu s-sehem ta' trasport tal-merkanzija permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni u bil-ferrovija fl-2013 meta mqabbel mal-livelli tal-2005.

L-Istati Membri jappoġġaw l-effiċjenza kemm fit-trasport privat kif ukoll fit-trasport pubbliku permezz ta' titjib fl-effiċjenza tal-vetturi u ta' emissjonijiet tad-CO₂ imnaqqsa li jikkonformaw mal-istandards tad-CO₂ tal-UE, ċaqliqa lejn mezzi tat-trasport li jirrispettaw aktar l-ambjent (eż. il-ferrovija jew mezzi oħra ta' trasport pubbliku), informazzjoni u mgħiba tal-konsumatur.

Għat-trasport pubbliku, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit irrappurtaw miżuri mmirati lejn it-trasport ferrovjarju fin-NEEAPs tagħhom. Fid-Danimarka ġew stabbiliti rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika għat-taksis. Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Greċja u l-Italja rrappurtaw estensjoni tat-trasport bil-metro. Il-promozzjoni ta' bidla modali u t-tneġġig biex jintuża t-trasport pubbliku jew iċ-ċikliżmu u l-mixi ssemew mill-Belġju, mill-Irlanda u mill-Portugall. Il-miżuri tat-trasport privat jinkludu titjib fl-effiċjenza tal-flotta tal-karozzi, miżuri li jappoġġaw l-użu tal-karozzi li jaħdmu bl-elettriku jew bl-idroġenu jew li huma aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, l-iżvilupp ta' karreġġati għar-roti, eċċ. Inċentivi finanzjarji għax-xiri ta' karozzi effiċjenti fl-użu tal-enerġija huma mogħtija mill-Kroazja, mil-Lussemburgu u minn Spanja (għall-karozzi elettriċi) u min-Netherlands, filwaqt li d-Danimarka toffri inċentivi tat-taxxa għall-proprjetarji tal-karozzi elettriċi u tal-karozzi li jaħdmu bl-idroġenu u għal proprjetarji li jibdlu għal vetturi li jikkonsmaw anqas fjuwil. Miżuri ta' mgħiba jissemmew ukoll għall-Finlandja, għan-Netherlands (taħriġ tas-sewwieqa) u għar-Renju Unit. Iċ-ċaqliqa tat-trasport tal-merkanzija lejn modi li jirrispettaw aktar l-ambjent, bħat-trasport bil-ferrovija, it-trasport marittimu u passaġġi tal-ilma interni huwa pjanat ukoll fi Franza.

4.6. Il-qasam tal-ġenerazzjoni

It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja matul dawn l-aħħar snin kien dovut għal tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija, l-implimentazzjoni ta' sistema Ewropea tal-iskambju tal-emissjonijiet u bidla strutturali fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. B'mod partikolari, f'dawn l-aħħar snin twettqu bidliet strutturali mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali lejn aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

L-effiċjenza fil-qasam tal-ġenerazzjoni hija essenzjali biex jintlaħqu l-miri tal-2020 għall-effiċjenza enerġetika. L-effiċjenza enerġetika fil-qasam tal-ġenerazzjoni tagħti kontribut kbir

²⁴ Il-biċċa l-kbira taż-żieda oriġinat mit-trasport bit-triq. Meta jitqabblu l-Istati Membri dan għandu jsir b'kawtela, hekk kif il-konsum finali tal-enerġija huwa bbażat fuq il-fjuwils mibjugħa minflok fuq il-fjuwil użat fit-territorju ta' pajjiż. Għaldaqstant, għandhom sehem fatturi oħrajn apparti l-effiċjenza enerġetika, eż. sa liema stadju Stat Membru jkun "pajjiż fi tranżitu" għat-trasport bit-triq jew ċentru tal-avjazzjoni. L-istatistiki ufficijali (eż. dwar it-tqassim tal-enerġija finali skont il-passiġġier u t-trasport tal-merkanzija) ma humiex disponibbli f'dan l-istadju biex jagħtu indikaturi tal-intensità enerġetika sinifikanti iżda d-dejta disponibbli se tiġi esplorata aktar fil-ġejjieni.

²⁵ Ma kien hemm l-ebda dejta disponibbli għal Ċipru u għal Malta.

lejn is-sigurtà tal-provvista u d-dekarbonizzazzjoni. Barra minn hekk, is-sistema Ewropea għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet immirati ta' politiki ta' effiċjenza enerġetika jistgħu jżidu l-effiċjenza enerġetika f'dan il-qasam, pereżempju biż-żieda tas-sehem ta' sħana u elettriku prodotti b'impjanti tal-enerġija u tas-sħana kkombinati b'effiċjenza għolja (CHP), tat-tisħin u t-tkessiġ distrettwali, kif ukoll tal-enerġiji rinnovabbli.

L-Istati Membri żiedu l-isforzi tagħhom fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli fis-snin riċenti. Fl-2013, is-sehem kombinat tal-UE tal-enerġija rinnovabbli laħaq il-15 % u l-istima għall-2014 tindika sehem ta' 15,3 % li kkontribwiet għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja hekk kif il-biċċa l-kbira tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandhom effiċjenza tat-trasformazzjoni ta' 100 %²⁶.

L-Artikolu 24(6) tal-EED jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar is-sħana u l-elettriku prodotti minn impjanti tal-enerġija termali u, b'mod partikolari, minn CHP. Għall-UE-28, is-sħana prodotta mill-impjanti CHP naqset b'9 %, minn 46 Mtoe fl-2005 għal 42 Mtoe fl-2013. Minħabba żieda fl-effiċjenza u kontribut lejn il-produttività industrijali, huwa meħtieġ sforz addizzjonali mill-Istati Membri biex jiżdied is-sehem, b'mod partikolari, ta' impjanti CHP b'effiċjenza għolja.

Artikolu 14 tal-EED jistabilixxi qafas biex jitħeġġeġ l-investiment f'sistemi ta' tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti. Tista' tkun osservata xejra pożittiva f'disa' Stati Membri, fejn il-prodott ta' trasformazzjoni minn impjanti tat-tisħin distrettwali żdied bħala medja bejn l-2005 u l-2013. Madankollu, fit-12-il Stat Membru l-ieħor li għandhom tisħin distrettwali, tista' tiġi osservata xejra ta' tnaqqis²⁷. Għaldaqstant, sabiex il-potenzjal tal-użu effiċjenti tal-enerġija fil-qasam tal-ġenerazzjoni jiġi sfruttat bis-sħiħ, huwa importanti ħafna li sseħħ l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 14 u li jsiru l-valutazzjonijiet komprensivi li l-Istati Membri għandhom iwettqu sa tmiem l-2015 (l-analiżi tal-potenzjal tagħhom għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti).

²⁶ Ara r-Rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli, COM(2015) 293 final.

²⁷ Ma hemm l-ebda dejta disponibbli għal Ċipru, għall-Greċja, għall-Irlanda, għall-Italja, għal Malta, għall-Portugall u għal Spanja.

- Xi Stati Membri integraw il-miri ambizzjużi nazzjonali tagħhom dwar l-effiċjenza enerġetika fi strateġiji komprensivi fuq terminu twil, bħall-*Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza Enerġetika (NAPE) tal-Ġermanja* jew il-liġi dwar it-tranżizzjoni enerġetika li ġiet adottata dan l-aħħar fi Franza.
- *Il-Fond Nazzjonali għall-Ħarsien Ambjentali* maħluq fil-Polonja jappoġġa b'suċċess bosta proġetti ta' effiċjenza enerġetika f'għadd ta' oqsma u jinkludi aspetti ta' taħriġ u l-involvement ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, u dan jgħin biex jinħoloq appoġġ mifruż għall-effiċjenza enerġetika fil-livelli kollha.
- Ir-Rumanija implimentat "*Programm għat-Titjib tal-Effiċjenza Enerġetika f'Unitajiet Domestiċi u Komunitajiet bi Dħul Baxx*" fis-snin riċenti biex tindirizza l-faqar enerġetiku b'mod effettiv. Dan għen madwar 160 000 persuna fir-Rumanija biex jgħixu fi blokko tal-appartamenti effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'kontinju għat-tisħin aktar baxxi. Fl-Irlanda ġie stabbilit programm simili, "*Enerġija Aħjar Djar Iktar Shan*".
- Bosta Stati Membri stabbilew strateġiji b'suċċess biex inaqqsu, b'mod partikolari, il-konsum tagħhom tal-enerġija primarja: Malta qed ittejjeb is-siti tal-ġenerazzjoni tagħha u tinvesti f'kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni effiċjenti ġodda; permezz tal-istrateġija tiegħu dwar it-tisħin, il-Gvern Brittaniku jsostni l-użu ta' tisħin distrettwali għid fi bliet li bħalissa ma għandhomx tali strateġija; l-Italja, il-Belġju u l-Ġermanja żviluppaw skemi wiesgħa għal CHP ta' effiċjenza għolja.
- Il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit diġà għandhom ftehimiet volontarji għall-effiċjenza enerġetika biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tizzied il-kompetittività fil-qasam tal-industrija. L-Awstrija ħolqot "*Raggruppament tal-Bini Ekoloġiku*" biex iżżid il-produttività, il-kompetittività u l-innovazzjoni ta' kumpaniji fil-qasam tal-bini fl-Awstrija t'Isfel. Fl-Iżvezja, pereżempju, il-kumpaniji jistgħu jirċievu eżenzjoni tat-taxxa fuq l-elettriku jekk jieħdu sehem fl-iskema volontarja, li tirrikjedi li jwettqu awditu enerġetiku, li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni enerġetika u li jimplimentaw il-miżuri identifikati fl-awditu b'perjodu ta' ħlas lura ta' inqas minn tliet snin.
- Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit diġà rrapportaw miżuri li, pereżempju, jimmiraw lejn it-trasport ferrovjarju permezz ta' titjib fl-infrastruttura ferrovjarja, l-eletrifikazzjoni tal-ferroviji u żieda fl-użu ta' sistemi ferrovjarji tal-

4.7. Il-qagħda tat-traspożizzjoni tal-EED

F'ħafna Stati Membri, it-traspożizzjoni legali tal-EED għadha mhix kompluta. Dan jipprevjeni xi wħud minn dawn l-Istati Membri milli jilħqu l-miri nazzjonali indikattivi tagħhom għall-2020, iwaqqaf is-swieq tal-effiċjenza enerġetika milli jiżviluppaw b'mod xieraq u jwaqqaf lill-konsumaturi u lill-atturi tas-suq milli jisfruttaw il-benefiċċji kollha tal-effiċjenza enerġetika. L-implimentazzjoni sħiħa u xierqa tal-qafas leġiżlattiv attwali dwar l-effiċjenza enerġetika hija essenzjali għall-kisba tal-miri tal-enerġija u l-klima tal-UE-28 għall-2020. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta. Huma meħtieġa sforzi aktar b'saħħithom f'dan ir-rigward.

Sa issa, il-Kummissjoni baġtet 27 ittra ta' avviż formali u 20 opinjoni motivata lil Stati Membri minħabba li ma kinux innotifikaw lill-Kummissjoni bil-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha meħtieġa biex jittrasponu kull wieħed mir-rekwiżiti tal-EED. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tat bidu għal kuntatti bilaterali ma' kull wieħed mit-28 Stat Membru biex titlob livell sostanzjali ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 7 tal-EED.

4.8. Finanzjament

Is-suq tal-effiċjenza enerġetika għandu potenzjal ta' investiment qawwi fis-suq, iżda dan għadu żgħir, frammentat, (meqjus bħala) riskjuż, u (partikolarment fir-rigward ta'

rinnovazzjoni qawwjin tal-binjiet jew investimenti fl-effiċjenza li jmorru lil hinn minn rendiment ta' 3 snin) jiddependi ħafna minn sussidji diretti u indiretti.

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) huma l-akbar sors ta' finanzjament tal-UE f'dan il-kamp. Fl-aħħar qafas finanzjarju pluriennali (2007-2013), l-UE allokat madwar EUR 6,1 biljun (2 % tat-total tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)/tal-Fond ta' Koeżjoni) għat-tema ta' prijorità "*Effiċjenza enerġetika, koġenerazzjoni, ġestjoni enerġetika*". Aktar minn nofs dan il-finanzjament tal-UE (EUR 3,4 biljun) ġie allokat għall-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali u pubbliki. Fl-2007-2013, 90 % tal-appoġġ tal-FSIE għall-effiċjenza enerġetika ngħata permezz ta' għotjiet, filwaqt li s-self irrappreżenta 8 % biss tal-appoġġ tal-UE.

L-effiċjenza enerġetika tirrappreżenta wkoll sehem għoli tal-finanzjament disponibbli għall-perjodu finanzjarju 2014-2020. Minn EUR 45 biljun, huwa stmat li EUR 13,3 biljun se jintuża biex jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali u pubbliki, u dan għandu jgħin kważi miljun (1) unità domestika. Barra minn hekk, EUR 3,4 biljun se jkunu allokat biex jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika fin-negozji, b'attenzjoni ffukata fuq kumpaniji ta' daqs żgħir u medju. Dan għandu jwassal għal aktar minn 50 000 kumpanija bi prestazzjoni enerġetika mtejba. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi se tirrikjedi proġetti ta' kwalità għolja u l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' investiment għall-effiċjenza enerġetika (aktar minn EUR 100 biljun fis-sena²⁸). Għaldaqstant, l-FSIE għandu deskriżzjoni narrattiva ġdida: L-għotjiet għandhom jintużaw biss biex jiffinanzjaw id-distakk tal-finanzjament, jiġifieri l-kosti tal-investimenti fi proġetti li ma jistgħux ikunu koperti mill-iffrankar enerġetiku mistenni f'perjodu raġonevoli, jew biex ikunu indirizzati kwistjonijiet soċjali, eż. il-faqar enerġetiku. Minflok għotjiet, l-istrumenti finanzjarji għandhom jintużaw biex jitnaqqsu l-kosti tal-finanzjament għal proġetti li huma qrib li jkunu bankabbli. Il-fondi pubbliċi u privati għandhom jaħdmu flimkien, u dan sabiex jattiraw il-kapital privat u jwasslu għal għadd ikbar ta' investimenti ta' daqs akbar fl-effiċjenza enerġetika²⁹. Fl-2014-2020, l-UE qeda timmira li tirdoppja l-użu tal-istrumenti finanzjarji fl-għamla ta' self, garanziji jew ekwità. Din il-bidla hija mistennija li tinkoraġġixxi l-iffinanzjar privat u li tgħin proġetti fuq skala żgħira li jippredominaw fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

Barra minn hekk, il-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (EFSI) fl-2015 jipprovdi aktar finanzjament għall-Istati Membri u għall-promoturi tal-proġetti biex itejbu u jirfinawl-iskemi tal-effiċjenza enerġetika (inklużi dawk ko-finanzjati mill-FSIE) - b'mod partikolari billi l-proġetti jiġu magħquda bħala parti minn operazzjonijiet ta' investiment ikbar.

Il-qafas kumplessiv tas-suq tġieb għas-self tal-konsumaturi, iżda kwistjonijiet ewlenin marbutin mal-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika għandhom jippersistu. Fl-UE, l-investiment huwa influwenzat minn kundizzjonijiet makroekonomiċi u mill-politika ta' rata ta' interess baxx tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Peress li l-biċċa l-kbira tal-banek Ewropej ma joffru prodotti speċifiċi għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika, wieħed jista' jassumi li r-rati tal-imgħax applikati għal self li jiffinanzja ukoll miżuri ta' effiċjenza enerġetika qed isegwi x-xejra 'l isfel tar-rati tal-imgħax tal-banek, kif isir mill-BĊE. Pereżempju, l-aħħar statistika tal-BĊE turi li s-self lill-unitajiet domestiċi għall-konsum (b'kollateral u/jew garanziji) f'Awwissu 2015 huma stmati fil-firxa ta' 3,30 % – 4,53 % (skont jekk hijiex rata varjabbli jew rata fissa). Dawn ir-rati naqsu b'madwar 22 % matul is-

²⁸ Ara www.eefig.eu.

²⁹ L-għotjiet għandhom jintużaw biss meta l-finanzjament kummerċjali ma jaħdimx (il-gruppi bi dħul baxx, l-akkomodazzjoni soċjali, dawk li huma f'qar enerġetikament). L-għotjiet għandhom jiġu kkombinati ma' finanzjament kummerċjali sabiex il-prodotti ta' finanzjament finali jkunu attraenti għas-suq.

sena l-oħra. Hemm nuqqas ta' fiduċja fis-suq f'investiment enerġetiku mtejjeb, bħala "klassi tal-assi" speċifika. Investiment bħal dan u l-finanzjament tiegħu jeħtieġ li jkunu bbażati fuq sisien usa', inklużi fluss tal-flus "meħlus" tal-operaturi (minħabba kosti tal-enerġija iktar baxxi) u valur tal-assi miżjud (minħabba l-prestazzjoni tal-enerġija ogħla), u għandhom ikunu msejsa fuq qafas tal-investiment fit-tul prevedibbli.

4.9. L-iffrankar tal-enerġija finali fl-2016 rikjest mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Enerġija 2006/32/KE

Id-Direttiva 2006/32/KE irrikjediet li l-Istati Membri jistabbilixxu – u jimmiraw li jiksbu – mira ta' frankar indikattiva nazzjonali ta' minn tal-inqas 9 % ta' frankar enerġetiku finali fl-2016. Il-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva ġew sostitwiti b'dispożizzjonijiet aktar preċiżi fl-EED. Madankollu, ir-rekwiżiti marbutin mal-mira ta' 9 % mhux se jiġu mħassra sal-2017. Għaldaqstant, l-Istati Membri kienu rikjesti li jipprovdu informazzjoni dwar il-mira ta' frankar tagħhom għall-2016 fin-NEEAPs tagħhom għall-2014: 19-il Stat Membru jistqarru li l-iffrankar rikjest għandu jinkiseb sal-2016; fil-każ ta' 7 Stati Membri mhuxwix ċar min-NEEAPs jekk il-mira ta' frankar hix se tinkiseb³⁰.

5. KONKLUŻJONI

Ir-rapport juri li l-Istati Membri, minbarra firxa ta' miżuri ta' politika tal-UE (eż. l-ekodisinn, it-tikkettar, l-EU ETS, l-istandards tal-karozzi), introduċew miżuri ta' effiċjenza enerġetika fl-oqsma tal-industrija, tar-residenzi, tas-servizzi, tat-trasport u tal-ġenerazzjoni. In-NEEAPs juru li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żiedu l-isforzi tagħhom u saħħew miżuri ta' effiċjenza enerġetika eżistenti jew inkella introduċew uħud ġodda.

Meta wieħed iqis li l-UE-28 jeħtiġilha tnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja annwalment, bħala medja, b'11.9 Mtoe (2.7 Mtoe espressi f'konsum finali tal-enerġija) mil-livelli tal-2013 biex tikseb il-miri tagħha għall-2020, jista' jiġi konkluż li – minkejja l-kisbiet tas-snin li għaddew – huma meħtieġa sforzi addizzjonali speċjalment fl-oqsma tal-bini, tat-trasport u tal-ġenerazzjoni. L-indikaturi tal-prestazzjoni 2005-2013 użati f'dan ir-rapport biex ikun analizzat il-progress dwar l-effiċjenza enerġetika juru varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri – madankollu, il-biċċa l-kbira tjiebu fil-livell Ewropew. L-eċċezzjonijiet ewlenin huma żieda fil-konsum finali tal-enerġija mill-2012 sal-2013 u tnaqqis fis-sħana ġġenerata minn impjanti CHP bejn l-2005 u l-2013.

Minkejja l-fatt li xi Stati Membri reċentement żiedu l-miri tal-effiċjenza enerġetika indikattivi tagħhom espressi f'**konsum tal-enerġija primarja** (għal total kkombinat ta' 17,6 %), b'mod ġenerali l-UE-28 naqset milli tilħaq il-livell rikjest ta' 20 %. Biex jingħalaq id-distakk li jifdal biex tintlaħaq il-mira tal-2020 espressa f'konsum tal-enerġija primarja, l-Istati Membri għandhom jgħaġġlu l-isforzi tagħhom biex jiksbu l-miri tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali tagħhom għall-2020 jew biex jaqbżuhom. Ta' min jinnota li xi Stati Membri – l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, Malta, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit – diġà stabbilew miri ambizzjużi għalihom infushom. Il-Kroazja, il-Finlandja, il-Greċja u r-Rumanija, li f'fissaw miri inqas ambizzjużi għall-2020 fid-dawl tat-tkabbir tal-PDG mistenni fl-2014-2020, jistgħu jibbenefikaw jekk jivvalutaw mill-ġdid kif livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika jista' jżid is-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħhom.

Bosta Stati Membri stabbilew strateġiji li kisbu suċċess fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija primarja tagħhom. Madankollu, il-Belġju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja kollha se jkollhom inaqqsu l-konsum tagħhom tal-enerġija primarja b'rata

³⁰ Kien biss fl-2015 li l-Ungerija u r-Rumanija nnotifikaw in-NEEAPs finali tagħhom. Għaldaqstant għadha ma twettqitx analiżi dettaljata.

ogħla fl-2014-2020 milli fil-perjodu 2005-2013 sabiex jilħqu l-miri għall-konsum tal-enerġija primarja tagħhom sal-2020.

Għall-**konsum finali tal-enerġija**, l-analiżi f'dan ir-rapport turi xejra ta' tnaqqis fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri mill-2005 'il quddiem. Barra mill-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika, naturalment il-kriżi ekonomika kkontribwiet ukoll lejn din ix-xejra. L-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja, Malta u s-Slovakkja stabbilew miri għall-konsum finali tal-enerġija għalihom infushom għall-2020 li jirrikjedu rati ta' tnaqqis ta' konsum tal-enerġija finali fl-2014-2020 li huma oġhla mir-rata ta' tnaqqis miksuba fl-2005-2013. Dawn il-pajjiżi se jiddependu minn implimentazzjoni b'saħħitha tal-iskemi ta' obbligu tal-Artikolu 7 tal-EED tagħhom jew miżuri alternattivi li jippermettu lill-konsumaturi li jiffrankaw l-enerġija finali u l-flus fuq terminu qasir u fuq terminu twil.

Meta wieħed iħares lejn l-oqsma fil-livell tal-Istati Membri, ix-xejra pożittiva ġenerali fl-intensità tal-enerġija finali fl-**industrija** fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri hija inkoraġġanti. Madankollu, fir-rigward tal-intensità enerġetika, hemm differenza ta' seba' darbiet bejn l-Istat Membru bl-intensità enerġetika l-iktar għolja u dik l-iktar baxxa fl-industrija. Ċipru, l-Irlanda, il-Greċja, l-Ungerija u l-Latvja jista' jkollhom ambitu biex jieħdu l-eżempji pożittivi ta' Stati Membri oħra biex ireġġgħu lura x-xejra tagħhom stess ta' żieda fl-intensità enerġetika finali fl-industrija.

Fil-**qasam residenzjali**, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri naqqsu d-domanda għall-enerġija f'dawn l-aħħar snin billi implimentaw miżuri ta' effiċjenza enerġetika mmirati lejn dan il-qasam. Dan jgħin lill-unitajiet domestiċi biex jiksibu l-istess livell ta' kumdità b'inqas flus. Fil-Belġu, fl-Estonja, fl-Italja, fil-Latvja, f'Malta, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovenja, fejn il-konsum tal-enerġija għal kull persuna żdied bħala medja tul is-snin li għaddew, il-konsumaturi jistgħu jibbenefikaw minn attenzjoni ffukata b'mod iktar b'saħħtu fuq il-politiki biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fis-settur residenzjali. B'mod ġenerali, biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom, jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jinfurmawhom dwar l-għażliet tal-effiċjenza enerġetika u li jtejbju iktar il-kundizzjonijiet tal-investiment għalihom biex jgħaġġlu r-rati ta' rinnovazzjoni li bħalissa huma baxxi ħafna għall-istokk eżistenti tal-bini fl-Ewropa. Barra minn hekk, huma meħtieġa miżuri aktar iffukati biex il-konsumaturi jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod effettiv.

Peress li l-qasam tas-**servizzi** huwa mistenni jikber, miżuri mmirati ta' effiċjenza enerġetika jistgħu jgħinu biex jibbilanċjaw iż-żieda fil-konsum finali tal-enerġija f'dan il-qasam u jissoktaw ix-xejra pożittiva tal-qasam li titnaqqas l-intensità enerġetika fil-livell tal-UE. B'mod partikolari, Ċipru, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja jistgħu jippruvaw jistabbilixxu jew iżidu l-intensità ta' miżuri xierqa biex jibbilanċjaw iż-żieda riċenti fl-intensità enerġetika fil-qasam tas-servizzi tagħhom.

Jinħtieġ li tkun imħeġġa ċaqliqa lejn żieda fl-użu tat-trasport kollettiv għall-passiġġieri, u għandu jkun hemm sehem ikbar tat-trasport tal-merkanzija permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni u bil-ferrovija permezz ta' iktar sforzi fil-**qasam tat-trasport**. Minkejja l-progress riċenti dwar l-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija tat-trasport, is-sehem ġenerali għoli tat-trasport fil-konsum finali tal-enerġija fil-livell tal-UE-28 jagħmel azzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika ulterjuri meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-2020. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri tat-trasport deskritti fin-NEEAPs tagħhom b'mod rigoruż, u li dawn jieħdu aktar azzjoni biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija fil-qasam tat-trasport. L-azzjoni tal-Istati Membri biex jippromwovu fjuwils, vetturi/bastimenti alternattivi u jużaw l-infrastruttura marbuta (skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/14/UE) għandha tappoġġa aktar it-titjib fl-effiċjenza enerġetika fit-trasport. Il-Kummissjoni, fil-Pjan Direzzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija, ħabbret

Komunikazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex il-qasam tat-trasport jiġi dekarbonizzat. Din se tkompli tikkomplimentar aktar l-isforzi tal-Istati Membri.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jeħtiġilhom iżidu l-isforzi tal-effiċjenza enerġetika tagħhom biex jiżguraw li jilhqqu l-miri indikattivi tagħhom sal-2020 jew saħansitra jmorru lil hinn minnhom biex ikun żgurat li l-UE tilħaq il-mira tagħha ta' tnaqqis ta' 20 % sal-2020. Dan jenfasizza l-ħtieġa li l-qafas leġislativ Ewropew għall-effiċjenza enerġetika jiġi implimentat b'mod sħiħ. Dan jippermetti li s-swieq tas-servizzi tal-effiċjenza enerġetika jiżviluppaw, u li jitneħħew l-ostakli eżistenti fis-suq għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Iżda anki l-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ marbut mat-tnaqqis tal-gassijiet serra, eż. fis-settur li ma jaqax taħt l-ETS jew fir-Riżerva għall-Istabbiltà fis-Suq għall-qasam tal-ETS, li ġiet adottata dan l-aħħar, huma essenzjali hekk kif iż-żewġ oqsma ta' politika huma marbutin u qed isaħħu lil xulxin.

Bi ħsieb fil-miri tal-2030, fl-2016 il-Kummissjoni se tivvaluta kif il-qafas tal-effiċjenza enerġetika jista' jittejjeb, filwaqt li tibni fuq il-qafas tal-effiċjenza tal-prodott li diġà ġie eżaminat u bi ħsieb għall-kontribut sinifikanti (i) tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Bini u (ii) tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (speċjalment l-Artikolu 7 tagħha). Dan l-eżami għandu jgħin lill-partijiet ikkonċernati kollha (gvernijiet nazzjonali, reġjuni, awtoritajiet lokali, kumpaniji tal-effiċjenza enerġetika, istituzzjonijiet finanzjarji, konsumaturi, eċċ.) biex jissfruttaw il-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija kosteffikaċi fuq terminu twil fir-rigward tal-miri u l-għanijiet dwar il-klima u l-enerġija tal-UE għall-2030 u l-2050.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib il-progress tal-Istati Membri lejn il-miri indikattivi tagħhom għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2020 u l-implimentazzjoni tal-EED u se tkompli taġġorna l-valutazzjoni tagħha kull sena bħala parti mill-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar din il-valutazzjoni.

ANNEX I

Tabella 1: Il-mira nazzjonali indikattiva għall-effiċjenza enerġetika għall-2020

Stat Membru	Il-livell assolut ta' konsum tal-enerġija fl-2020 [Mtoe] kif notifikat mill-Istati Membri fl-2013, fin-NEEAP 2014 jew f'notifika separata lill-Kummissjoni Ewropea fl-2015	
	Il-konsum tal-enerġija PRIMARJA	Il-konsum FINALI tal-enerġija
L-Awstrija	31.5	25.1
Il-Belġju	43.7	32.5
Il-Bulgarija	16.9	8.6
Il-Kroazja	11.5	7.0
Ċipru	2.2	1.8
Ir-Repubblika Ċeka	39.6	25.3
Id-Danimarka	17.8	14.8
L-Estonja	6.5	2.8
Il-Finlandja	35.9	26.7
Franza	219.9	131.4
Il-Ġermanja	276.6	194.3
Il-Greċja	24.7	18.4
L-Ungerija	24.1	14.4
I-Irlanda	13.9	11.7
L-Italja	158.0	124.0
Il-Latvja	5.4	4.5
Il-Litwanja	6.5	4.3
Il-Lussemburgu	4.5	4.2
Malta	0.7	0.5
In-Netherlands	60.7	52.2
Il-Polonja	96.4	71.6
Il-Portugall	22.5	17.4
Ir-Rumanija	43.0	30.3
Is-Slovakkja	16.4	9.0
Is-Slovenja	7.3	5.1
Spanja	119.8	80.1
L-Iżvezja	43.4	30.3
Ir-Renju Unit	177.6	129.2
L-għadd ta' miri indikattivi tal-UE-28	1526.9	1077.5
Mira UE-28 għall-2020	1483	1086

Qagħda: 07/10/2015

ANNEX II

Tabella 2: Indikaturo tal-ħarsa ġenerali

Member State	2020 Ambition level		Trend to reach the 2020 target		Short term trend		Intensity whole economy	Industry	Households		Service Sector	Transport			Generation		
	Ambition level of 2020 PEC target compared to GDP estimations for 2014-2020	Ambition level of 2020 FEC target compared to GDP estimations for 2014-2020	PEC 2005-2013 trend compared to PEC 2005-2020 trend to reach the 2020 target	FEC 2005-2013 trend compared to FEC 2005-2020 trend to reach the 2020 target	Change of PEC 2013 compared to PEC 2012 in %	Change of FEC 2013 compared to FEC 2012 in %	2005-2013 average annual change of PEC energy intensity in %	2005-2013 average change of energy intensity in industry in %	2005-2013 average annual change of final energy consumption residential per capita in %	2005-2013 average annual change of energy consumption per m2 with climatic corrections in koe/m2 in % (Source: Odyssee)	2005-2013 average annual change of energy intensity in the service sector in %	2005-2013 average annual change of total FEC in the transport sector in %	Change of share of trains, motor coaches, buses and trolley buses for passenger transport in 2005 vs. 2013 in percentage points	Change of share of railway and inland waterways for freight transport in 2005 vs. 2013 in percentage points	2005-2013 average annual change of heat generation from CHP	Ratio transformation output thPG/Fuel input for thPG 2005 vs. 2013 change in percentage points	2005-2013 average annual change of transformation output of district heating plants in %
EU28	+	+	+	+	-1.1%	0.1%	-1.7%	-1.9%	-0.8%	-1.4%	-0.4%	-0.7%	0.0	1	-1.0%	0.10	0.7%
BE	+	+	-	-	2.6%	2.9%	-1.9%	-1.7%	-3.5%	-3.2%	1.2%	-0.2%	2.4	8	7.8%	2.74	38.3%
BG	+	+	+	+	-8.3%	-5.1%	-3.7%	-7.1%	2.7%	-1.7%	-0.9%	-0.2%	-10	-5	2.1%	2.07	-4.2%
CZ	+	+	+	+	-1.3%	0.8%	-2.4%	-5.4%	-0.2%	-1.5%	-1.2%	-0.1%	1.9	-5	-0.9%	-1.06	-4.2%
DK	+	+	+	+	0.7%	-1.2%	-1.0%	-1.7%	-1.0%	-2.4%	-0.7%	-1.2%	-0.9	5	-0.6%	3.19	6.8%
DE	+	+	-	-	1.9%	2.4%	-1.9%	-1.3%	-1.1%	0.0%	-0.6%	0.2%	0.1	2	-0.5%	1.32	1.4%
EE	+	+	-	-	8.4%	0.0%	0.8%	-3.0%	1.7%	0.1%	-0.4%	0.0%	-8.2	-21	2.4%	-5.69	-3.6%
IE	+	+	+	+	-0.5%	0.9%	-1.4%	0.9%	-2.9%	-4.1%	-4.6%	-2.1%	-1.1	-1	n.a.	4.21	n.a.
EL	-	-	+	+	-11.9%	-10.4%	-0.8%	3.6%	-2.9%	-4.1%	0.9%	-2.9%	-3	-1	-0.9%	0.29	n.a.
ES	+	+	+	+	-6.6%	-2.4%	-2.3%	-1.3%	-0.2%	-2.3%	0.1%	-2.7%	1.3	0	n.a.	-2.79	n.a.
FR	+	+	-	-	0.7%	3.2%	-1.3%	-0.8%	-1.0%	-1.9%	0.2%	-0.3%	0.5	0	-9.1%	-1.09	49.5%
HR	-	-	+	+	-3.9%	-1.6%	-1.3%	-1.8%	n.a.	-2.7%	-0.4%	0.8%	-1.6	0	-0.8%	2.50	-3.3%
IT	+	+	+	+	-3.0%	-2.8%	-1.2%	-2.9%	1.5%	1.3%	0.9%	-1.9%	1.4	3	1.5%	1.66	n.a.
CY	-	-	+	+	-12.7%	-8.4%	-2.1%	0.0%	-1.4%	-3.5%	1.1%	-1.4%	n.a.	n.a.	n.a.	4.59	n.a.
LV	-	+	+	+	-1.8%	-4.3%	-1.4%	2.6%	0.0%	-1.2%	-1.5%	0.3%	-3.8	-10	3.3%	-6.31	-8.2%
LT	+	+	+	-	-3.2%	-2.2%	-5.7%	-1.7%	2.1%	-0.9%	-1.7%	1.6%	-1.6	-10	-2.1%	41.53	-0.5%
LU	+	+	+	+	-2.7%	-1.2%	-2.7%	-2.4%	-4.0%	-7.7%	1.8%	-1.0%	2.6	-2	0.8%	3.55	11.8%
HU	+	+	+	+	-3.3%	1.3%	-2.3%	2.4%	-1.8%	-3.1%	-4.8%	-1.9%	-3.3	-6	-6.3%	-1.12	2.6%
MT	+	+	-	-	-13.8%	-0.2%	-3.6%	n.a.	12.3%	-3.4%	n.a.	5.9%	n.a.	n.a.	n.a.	10.92	n.a.
NL	+	+	-	+	-1.7%	0.0%	-1.1%	-1.3%	-1.0%	-1.9%	0.0%	-0.5%	1.1	8	-3.3%	-1.63	-1.0%
AT	+	+	+	-	-0.1%	1.6%	-1.6%	-0.3%	-0.8%	-1.0%	-2.6%	-0.4%	2.2	11	2.9%	6.12	8.3%
PL	+	+	-	+	0.4%	-1.7%	-3.0%	-6.0%	0.9%	-1.0%	-0.3%	3.4%	-10.3	-14	-1.6%	-0.81	-0.7%
PT	+	-	+	+	0.5%	-2.4%	-1.5%	-0.8%	-1.5%	-4.6%	-2.9%	-1.4%	0.2	1	8.8%	1.50	n.a.
RO	-	-	+	+	-8.2%	-4.6%	-4.4%	-7.3%	1.8%	-0.7%	-0.7%	2.9%	-6.8	10	-4.4%	-3.07	-6.5%
SL	+	+	+	+	-1.7%	-1.0%	-1.1%	-3.8%	0.4%	-1.3%	-0.1%	3.3%	-0.6	-3	0.3%	0.53	-3.4%
SK	+	+	+	-	2.9%	5.0%	-4.4%	-5.0%	-0.8%	-1.5%	-0.9%	2.5%	-8.5	-6	2.2%	-1.30	-8.3%
FI	-	-	+	+	-2.6%	-2.1%	-0.7%	0.0%	-0.3%	-0.1%	0.6%	0.6%	0	5	0.4%	-0.90	1.5%
SE	+	+	-	+	-1.9%	-2.4%	-2.0%	-1.4%	-1.3%	-1.4%	-1.3%	-0.4%	0.8	2	3.2%	1.29	-2.7%
UK	+	+	+	+	-1.0%	1.1%	-2.2%	-1.8%	-3.1%	-3.5%	-0.5%	-1.2%	2.4	2	n.a.	-0.78	1.1%

Sors: Eurostat, DG ECFIN, Odyssee-Mure